MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 720/2010

**Go Plc (C22334)**

**Vs**

**Mambra Electronics Limited (C18626)**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta’ hames mijau tmienja u hamsin ewro tmenin centezmu (€558.80) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess mis-socjeta` konvenuta lil Go Plc in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru 10026972 u 10026971 u 10023321 skont  diversi kontijiet mibghuta lilha u skont kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mat-talba mmarkati IZY 1,2,3,4,5, u 6.

Illi l-konvenuta nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, is-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza .

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-attti li s-Socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata skont il-ligi.

Ra illi socjeta` konvenuta naqset milli tidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tal-20 ta’ Settembru, 2010 mill-Avukat Keith Grech.

It-Tribunal jidhirlu illi s-Socjeta` konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skont il-Ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------